PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/0243(COD)

2.3.2009

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat (riformulazzjoni)
(COM(2008)0820 – C6-0474/2008 – 2008/0243(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Jeanine Hennis-Plasschaert

(Riformulazzjoni – Artikolu 80a tar-Regoli ta' Proċedura)

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 23

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat (riformulazzjoni) (COM(2008)0820 – C6-0474/2008 – 2008/0243(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni – riformulazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0820),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 63(1), punt 1a, tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0474/2008),

– wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 biex isir użu aktar strutturat tat-teknika ta' riformulazzjoni ta' atti legali[1],

– wara li kkunsidra l-ittra tad-16 ta' Frar 2009 mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali bi qbil mal-Artikolu 80a(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0000/2009),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata ma tinkludix emendi sostantivi ħlief dawk identifikati bħala tali fil-proposta u billi f'dak li għandu x'jaqsam mal-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti ta' qabel flimkien ma' dawk l-emendi, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali,

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (u li tinkorpora l-emendi tekniċi approvati mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali) u kif emendata hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-

[1] ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Għandha tkun organizzata intervista personali sabiex *ikun iffaċilitat id-determinazzjoni* tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina *applkazzjoni* għall-protezzjoni internazzjonali u***, fejn xieraq***, sabiex l-applikanti jkunu informati oralment dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	(15) Għandha tkun organizzata intervista personali sabiex *tkun iffaċilitata d-determinazzjoni* tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina *applikazzjoni* għall-protezzjoni internazzjonali u, sabiex l-applikanti jkunu informati oralment dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-applikanti għandhom, f'kull ħin, jiġu infurmati b'mod orali dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 22 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Is-sistema ta' Dublin minnha nnfisha mhijiex kawża biex issir pressjoni partikulari fuq l-ażil jew jew biex ikun hemm piż żejjed fuq l-Istati Membri. Għalhekk huwa importanti li wieħed jirrifletti fuq l-istrumenti li jorbtu u li dawn jiġu proposti sabiex tiġi żgurata s-solidarjetà kif ukoll standards aktar għoljin ta' protezzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li tiġi enfasizzata l-ħtieġa li jitressqu strumenti li jorbtu bil-għan li jiġi żgurat element ogħla ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri flimkien ma' standards aktar għoljin ta' protezzjoni.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) "minorenni mhux akkumpanjat" tfisser minorenni li jasal fit-territorju tal-Istati Membri mhux akkumpanjati minn adult responsabbli ***għalihom*** kemm bil-liġi kif ukoll *l-użanza*, u sakemm ***huma*** ma jittiħdux effettivament *fir-responsabbilta* ta' persuna tali; tinkludi minorenni li jitħallew mhux akkumpanjati wara li jkunu waslu fit-territorju tal-Istati Membri;	(h) "minorenni mhux akkumpanjat" tfisser minorenni li jasal fit-territorju tal-Istati Membri mhux akkumpanjati minn adult responsabbli ***għalih/għaliha*** kemm bil-liġi kif ukoll *bl-użanza*, u sakemm ***hu/hi*** ma jittiħdux effettivament *fir-responsabbiltà* ta' persuna tali; tinkludi minorenni li jitħallew mhux akkumpanjati wara li jkunu waslu fit-territorju tal-Istati Membri;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda bil-ħsieb ta' kliem armonizzat fit-test kollu.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) ***l-eżistenza tad-dritt*** għall-aċċess għad-dejta dwarha, u d-dritt li titlob li dejta mhux eżatta dwarha tkun *ikkoreguta* jew li dejta pproċessata mhux skont il-liġi dwarha tkun imħassra, ***inkluż id-dritt li tirċievi informazzjoni dwar*** il-proċeduri għall-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet ***u*** d-dettalji tal-Awtoritajiet Nazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Dejta li għandhom jisimgħu ***pretensjonijiet*** rigward il-	(g) ***id-dritt*** għall-aċċess għad-dejta dwarha, u d-dritt li titlob li dejta mhux eżatta dwarha tkun *ikkoreġuta* jew li dejta pproċessata mhux skont il-liġi dwarha tkun imħassra, ***kif ukoll*** il-proċeduri għall-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet, ***inklużi*** d-dettalji ***tal-awtoritajiet imsemmija f'Artikolu 33 u*** tal-Awtoritajiet Nazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Dejta li għandhom jisimgħu ***klejms*** rigward il-protezzjoni tad-dejta personali.

protezzjoni tad-dejta personali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi ċċarat li l-applikant jiġi infurmat dwar il-kontenut u mhux biss dwar l-eżistenza tad-dritt tiegħu dwar l-aċċess għad-dejta dwaru/dwarha u d-drittijiet li din tiġi kkoreġġuta jew imħassra kif ukoll, b'mod separat, jiġi infurmat dwar il-passi ta' proċedura li dan/din jistgħu jieħdu. Barra minn hekk id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli għall-koperazzjoni ta' Dublin iqisu l-fatt li l-kontollur tad-dejta huwa primarjament responsabbli biex jisma' d-dikjarazzjonijiet dwar il-ħarsien ta' dejta personali.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ipprovduta bil-miktub ***fl-lingwa*** li l-applikant ***jista' jkun mistenni li*** jifhem, l-Istati Membri għandhom jużaw fuljett komuni mfassal skont il-paragrafu 3 għal dik ir-raġuni.	2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ipprovduta bil-miktub f'lingwa li l-applikant jifhem ***jew li jkun preżunt b'mod raġonevoli li jifhem***, l-Istati Membri għandhom jużaw fuljett komuni mfassal skont il-paragrafu 3 għal dik ir-raġuni. *(Din l-emenda tapplika fit-test kollu. L-adozzjoni tagħha tinvolvi bidliet fit-test kollu).*

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' din l-emenda hu li tiġi adottata strateġija armonizzata f'ħafna mill-atti tal-leġiżlazzjoni Komunitarja b'referenzi simili għal-livell meħtieġ ta' għarfien tal-lingwa.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta neċessarju *biex* l-applikant ikun jista' jifhem sew, l-informazzjoni għandha tkun mogħtija oralment ukoll, f'intervista organizzata skont l-Artikolu 5.	*Biex* l-applikant ikun jista' jifhem sew, l-informazzjoni għandha tkun mogħtija oralment ukoll, f'intervista organizzata skont l-Artikolu 5.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għal Emenda 1.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istat Membru li jkun qiegħed iwettaq il-proċess biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament, għandu ***jagħti*** lill-applikanti ***l-opportunità ta'*** intervista ma' persuna kwalifikata skont il-liġi nazzjonali biex tagħmel intervista.	1. L-Istat Membru li jkun qiegħed iwettaq il-proċess biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament, għandu ***jsejjaħ*** lill-applikanti ***għal*** intervista ma' persuna kwalifikata skont il-liġi nazzjonali biex tagħmel intervista.

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li tiġi ċċarata aktar in-natura mandatorja tal-intervista.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-intervista personali għandu jkollha l-għan li tiffaċilita l-proċess biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli,	2. L-intervista personali għandu jkollha l-għan li tiffaċilita l-proċess biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli,

b'mod partikolari biex jippermetti lill-applikant jagħti l-informazzjoni relevanti għall-identifikazjzoni tal-Istat Membru responsabbli, u ***sabiex*** l-applikant ikun infurmat oralment dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	b'mod partikolari biex jippermetti lill-applikant jagħti l-informazzjoni relevanti għall-identifikazjzoni tal-Istat Membru responsabbli, u ***kif ukoll*** l-applikant ikun infurmat oralment dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex it-test jinqara aħjar.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 5 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Fi ħdan il-qafas tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2005/85/KE, l-Istati Membri jistgħu jużaw eżamijiet mediċi sabiex jiddeterminaw l-età ta' minorenni li ma jkunux akkumpanjati.
	F'każijiet fejn isiru eżamijiet mediċi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn isiru b'mod raġjonevoli u bir-reqqa, kif jitolbu l-istandards xjentifiċi u etiċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dibattitu dwar id-dettalji tal-eżamijiet mediċi huwa wieħed kurrenti u għandu jiġi indirizzat fil-verżjoni li jmiss tad-Direttiva 2005/85/KE. Jekk l-Istati Membri jirrikorru għal eżamijiet simili dawn għandhom fi kwalunkwe każ jassiguraw li dawn l-eżamijiet isiru skont l-istandards xjentifiċi u etiċi.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji stabilliti f'dan il-Kapitlu għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tas-sitwazzjoni *eżistenti* meta l-persuna li tfittex l-ażil iddepożitat għall-ewwel darba l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tagħha għand Stat Membru.	2. L-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji stabilliti f'dan il-Kapitlu għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tas-sitwazzjoni eżistenti meta l-persuna li tfittex l-ażil iddepożitat għall-ewwel darba l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tagħha għand Stat Membru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. B'deroga mill-paragrafu 2, sabiex ikun żgurat ir-rispett tal-prinċipju tal-unità tal-familja u l-aħjar interess għat-tifel/tifla, l-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 8 sa 12 għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tas-sitwazzjoni meta persuna tfittex l-ażil iddepożitat l-iktar applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali riċenti tiegħha. Dan il-paragrafu għandu japplika bil-kundizzjoni li l-applikazzjonijiet preċedenti ta' persuna tfittex l-ażil għandu ma kienux soġġetti għall-ewwel deċiżjoni dwar is-sustanza.	3. B'deroga mill-paragrafu 2, sabiex ikun żgurat ir-rispett tal-prinċipju tal-unità tal-familja u l-aħjar interess għat-tifel/tifla, l-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 8 sa 12 għandu jkun iddeterminat fuq il-bażi tas-sitwazzjoni ***eżistenti*** meta persuna tfittex l-ażil iddepożitat l-iktar applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali riċenti tiegħha. Dan il-paragrafu għandu japplika bil-kundizzjoni li l-applikazzjonijiet preċedenti ta' persuna tfittex l-ażil għandu ma kienux soġġetti għall-ewwel deċiżjoni dwar is-sustanza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda lingwistika.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikant jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 18(1)(d) għandu d-dritt għal rimedju ***ġudizzjarju*** effettiv, fil-forma ta' appell jew reviżjoni, fil-fatt u fil-liġi tad-deċiżjoni tat-trasferiment msemmija fl-Artikolu 25, quddiem qorti jew tribunal.	1. L-applikant jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 18(1)(d) għandu d-dritt għal rimedju effettiv, fil-forma ta' appell jew reviżjoni, fil-fatt u fil-liġi tad-deċiżjoni tat-trasferiment msemmija fl-Artikolu 25, quddiem qorti jew tribunal.

Or. en

Ġustifikazzjoni
Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropew tirreferi, fl-Artikolu 47 tagħha, għad-dritt għal rimedju effettiv fi tribunal. Il-Qorti tal-Ġustizzja wkoll infurzat dan id-dritt fil-każistika tagħha (KAwża -222/84 Johnston [1986] ECR 1651, C- 506/04 Wilson ECR I-8613).

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal perijodu ta' żmien raġonevli li fih l-applikant jew il-persuna kkonċernata jista' jeżerċita d-dritt tiegħu għal rimedju ***ġudizzjarju*** effettiv skont il-paragrafu 1.	2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal perijodu ta' żmien raġonevli li fih l-applikant jew il-persuna kkonċernata jista' jeżerċita d-dritt tiegħu għal rimedju effettiv skont il-paragrafu 1.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għal Emenda 12.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-perjodu ta' żmien għandu jkun talanqas ta' sebat ijiem, li jibdew mid-data ta' notifika kif previst fl-Artikolu 25(1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-objettiv ta' din l-emenda hija biex tiddefinixxi aħjar il-kunċett ta' 'perjodu raġjonevoli ta' żmien'.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fil-każ ta' appell jew reviżjoni dwar deċiżjoni ta' trasferiment msemmi fl-Artikolu 25, l-awtorità msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha, billi taġixxi ex-officio, tiddeċiedi, kemm jista' jkun malajr, ***u f'kull każ mhux iktar tard minn sebat ijiem tax-xogħol minn meta kien iddepożitat l-appell jew ir-reviżjoni***, jekk il-persuna kkonċernata tistax tibqa' fit-territorju tal-Istati Membru kkonċernat sakemm jintemm l-appel jew ir-reviżjoni, jew le.	3. Fil-każ ta' appell jew reviżjoni dwar deċiżjoni ta' trasferiment msemmi fl-Artikolu 25, l-awtorità msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha, billi taġixxi ***jew fuq talba tal-persuna kkonċernata jew*** ex-officio, tiddeċiedi, kemm jista' jkun malajr, jekk il-persuna kkonċernata tistax tibqa' fit-territorju tal-Istati Membru kkonċernat sakemm jintemm l-appel jew ir-reviżjoni, jew le.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kliem 'kemm jista' jkun malajr' għandu jkun ċar biżżejjed u jimplika li l-awtoritàta' responsabilità tieħu deċiżjoni mingħajr dewmien żejjed. Barra minn hekk, għandu jkun ċar li applikant jista' jitlob lill-awtorità repsonsabbli sabiex tieħu deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' jekk l-applikant jistax jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat sakemm jiġi deċiż l-appell jew ir-reviżjoni tal-każ tiegħu jew tagħha.

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Bla ħsara għall-Artikolu 8(2) tad-Direttiva […/…/KE] i tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza ta' persuni jfittxuażil, meta jidher neċessarju u fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali ta' kull każ, u jekk ma jkunux jistgħu jkunu applikanti effettivament miżuri oħra inqas koerżivi, l-Istati Membri jistgħu jżommu persuna tfittex l-ażil jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 18(1)(d), li huwa soġġett ta' deċiżjoni ta' trasferiment għal Stat Membru responsabbli, f'post partikolari biss jekk hemm riskju ***sinifikanti*** li din taħrab.	2. Bla ħsara għall-Artikolu 8(2) tad-Direttiva […/…/KE] i tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza ta' persuni jfittxuażil, meta jidher neċessarju u fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali ta' kull każ, u jekk ma jkunux jistgħu jkunu applikanti effettivament miżuri oħra inqas koerżivi, l-Istati Membri jistgħu jżommu persuna tfittex l-ażil jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 18(1)(d), li huwa soġġett ta' deċiżjoni ta' trasferiment għal Stat Membru responsabbli, f'post partikolari biss jekk hemm riskju li din taħrab.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tista' tinħoloq ambigwità dwar kif ser jiġi definit 'riskju sinifikanti li wieħed jaħrab' ir-riskju li wieħed jaħrab per se huwa definit fl-Artikolu 2 put (l).

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Id-detenzjoni skont il-paragrafu 2 għandha tkun ordnata bil-miktub bir-	7. Id-detenzjoni skont il-paragrafu 2 għandha tkun ordnata bil-miktub bir-

raġunijiet fil-fatt u fil-liġi, b'mod partikolari bi speċifikazzjoni tar-raġunijiet li kienu l-bażi biex ikun ikkonsidrat li hemm riskju ***sinifikanti*** tal-ħarba tal-persuna kkonċernata kif ukoll il-perijodu ta' żmien u d-dewmien tiegħu.	raġunijiet fil-fatt u fil-liġi, b'mod partikolari bi speċifikazzjoni tar-raġunijiet li kienu l-bażi biex ikun ikkonsidrat li hemm riskju ***sinifikanti*** tal-ħarba tal-persuna kkonċernata kif ukoll il-perijodu ta' żmien u d-dewmien tiegħu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għal Emenda 16.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. F'kull każ ta' persuna f'detenzjoni skont il-paragrafu 2, id-detenzjoni ***kontinwata*** għandha tkun riveduta minn awtorità ġudizzjarja f'intervalli ta' żmien raġonevoli jew fuq talba tal-persuna kkonċernata jew ex officio. Id-detenzjoni qatt m'għandha tkun imtawla bla bżonn.	8. F'kull każ ta' persuna f'detenzjoni skont il-paragrafu 2, id-detenzjoni għandha tkun riveduta minn awtorità ġudizzjarja f'intervalli ta' żmien raġonevoli jew fuq talba tal-persuna kkonċernata jew ex officio. Id-detenzjoni qatt m'għandha tkun imtawla bla bżonn.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kelma 'kontinwa' flimkien mal-kelma 'detenzjoni' taf toħloq konfużjoni dwar it-tip ta' detenzjoni li qed nitkellmu dwarha.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 30 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 30a
	Kif isiru t-trasferimenti

1. L-Istat Membru li jagħmel it-trasferiment għandu jippromwovi t-trasferimenti volontarji billi jagħti informazzjoni adegwata lill-applikant.

2. Jekk it-trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli jsiru bi tluq sorveljat jew bl-iskorta, l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu li jsiru b'mod uman u bl-osservanza sħiħa tad-drittijiet fundamentali u d-dinjità umana.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet inklużi fil-Premessa 19 ["F'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003, it-trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli jistgħu jitwettqu fuq bażi volontarja, bi tluq taħt superviżjoni jew taħt skorta. L-Istati Membri għandhom jippromwovu t-trasferimenti volontarji u għandhom jiżguraw li t-trasferimenti taħt superviżjoni jew taħt skorta jsiru b'mod uman, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u d-dinjità umana"] għandhom ikunu ripetuti fil-parti vinkolanti tat-test.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-Kummissjoni tikkonsidra li ċ-ċirkustanzi eżistenti fi Stat Membru ieħor li jistgħu jwasslu għal livell ta' protezzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li mhux f'konformità mal-*leġislazzjoni* Komunitarja, b'mod partikolari mad-Direttiva […/…/KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza tal-persuni jfittxu l-asil ***u*** mad-Direttiva 2005/85/KE, din *tista* tiddeċiedi f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 4, li kull trasferiment ta' applikanti skont dan ir-Regolament lill-	2. Meta l-Kummissjoni tikkonsidra li ċ-ċirkustanzi eżistenti fi Stat Membru ieħor li jistgħu jwasslu għal livell ta' protezzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li mhux f'konformità mal-*leġiżlazzjoni* Komunitarja, b'mod partikolari mad-Direttiva […/…/KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza tal-persuni jfittxu l-asil***,*** mad-Direttiva 2005/85/KE ***u mad-Direttiva 2004/83/KE***, din *tista'* tiddeċiedi f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 4, li kull trasferiment ta' applikanti skont dan ir-Regolament lill-

Istat Membru kkonċernat ikun sospiż.	Istat Membru kkonċernat ikun sospiż.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva tal-Kwalifiki 2004/83/KE (dwar standards minimi għall-kwalifika u l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat bħala refuġjati jew bħala persuni li għal xi raġuni oħra jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u s-sustanza tal-protezzjoni mogħtija) hija l-istrument ewlieni tal-acquis tal-UE dwar l-asil u, għalhekk, għandha tkun inkluża referenza speċifika għaliha.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta Stat Membru jkun imħasseb dwar iċ-ċirkustanzi eżistenti fi Stat Membru ieħor li jistgħu jwasslu għal livell ta' protezzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li mhux f'konformità mal-*leġislazzjoni* Komunitarja, b'mod partikolari mad-Direttiva […/…/KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza tal-persuni jfittxu l-asil ***u*** mad-Direttiva 2005/85/KE, dan jista' jitlob li kull trasferiment ta' applikanti skont dan ir-Regolament lill-Istat Membru kkonċernat ikun sospiż.	3. Meta Stat Membru jkun imħasseb dwar iċ-ċirkustanzi eżistenti fi Stat Membru ieħor li jistgħu jwasslu għal livell ta' protezzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li mhux f'konformità mal-*leġiżlazzjoni* Komunitarja, b'mod partikolari mad-Direttiva […/…/KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza tal-persuni jfittxu l-asil***,*** mad-Direttiva 2005/85/KE ***u mad-Direttiva 2004/83/KE***, dan jista' jitlob li kull trasferiment ta' applikanti skont dan ir-Regolament lill-Istat Membru kkonċernat ikun sospiż.
It-talba għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni. Din għandha tindika r-raġunijiet li fuqha *bbażata* u għandha b'mod partikolari tinkludi dettalji dwar is-sitwazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat li turi l-possibbiltà ta' nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja, b'mod partikolari d-Direttiva […/…/KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza tal-persuni jfittxu l-asil ***u*** mad-Direttiva 2005/85/KE.	It-talba għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni. Din għandha tindika r-raġunijiet li fuqha *tkun ibbażata* u għandha b'mod partikolari tinkludi dettalji dwar is-sitwazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat li turi l-possibbiltà ta' nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja, b'mod partikolari d-Direttiva […/…/KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza tal-persuni jfittxu l-asil***,*** mad-Direttiva 2005/85/KE ***u mad-Direttiva 2004/83/KE***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għal Emenda 20.

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. It-trasferimenti jistgħu jkunu sospiżi għal *perijodu* ta' żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur. Meta r-raġunijiet għall-miżuri jkunu *għandhom* hemm wara sitt xhur, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, fuq talba *minn l-Istat* Membru kkonċernat *msemmi* fil-paragrafu 1 jew fuq *l-inizjattiva* tagħha stess, li tkun estiża l-applikazzjoni tagħhom għal *perijodu* ieħor ta' sitt xhur. ***Il-paragrafu 5 japplika***.	8. It-trasferimenti jistgħu jkunu sospiżi għal *perjodu* ta' żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur. Meta r-raġunijiet għall-miżuri jkunu *għadhom* hemm wara sitt xhur, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, fuq talba *mill-Istat* Membru kkonċernat *imsemmi* fil-paragrafu 1 jew fuq *l-inizjattiva* tagħha stess, li tkun estiża l-applikazzjoni tagħhom għal *perjodu* ieħor ta' sitt xhur. ***Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5 jibqgħu japplikaw***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aġġustament lingwistiku.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 9 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9a. Fuq proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, u f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat KE, għandhom jinħarġu strumenti, li jkunu jorbtu lill-Istati Membri kollha, sabiex jingħata appoġġ effikaċi lil dawk l-Istati Membri li

qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' pressjoni speċifika u sproporzjonata fis-sistemi nazzjonali tagħhom minħabba, b'mod partikolari, il-qagħda ġeografika jew demografika tagħhom. Dawn l-istrumenti għandhom jidħlu fis-seħħ sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011 u f'kull każ għandhom jagħmlu provvediment għal dan li ġej:

(a) l-issekondar ta' uffiċjali minn Stati Membri oħra, taħt l-awspiċju tal-Uffiċċju Ewropew għall-Appoġġ tal-Ażil [.../.../KE], li jgħinu lil dawk l-Istati Membri li jħabbtu wiċċhom ma' pressjoni speċifika u fejn l-applikanti ma jistgħux jibbenefikaw minn standards adegwati ta' protezzjoni;

(b) skema għall-allokazzjoni mill-ġdid ta' benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali minn Stati Membri li jħabbtu wiċċhom ma' pressjoni speċifika u sproporzjonata lil oħrajn, b'konsultazzjoni mal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għar-Refuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti, filwaqt li jkun żgurat li l-allokazzjoni ġdida timxi fuq regoli mhux diskrezzjonali, trasparenti u mhux ekwivoċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The Dublin system in itself, as spelled out in Impact assessment SEC(2008)2962, is not a cause of particular asylum pressure or overburden on Member States. The provisions on the 'temporary suspension of transfers' will therefore turn out to be a political statement rather than an effective instrument to support a Member State that faces a particularly urgent situation which places an exceptionally heavy burden on its reception capacities, asylum system or infrastructure (and very often leading to cases where applicants cannot benefit from adequate standards of protection, in particular in terms of reception conditions and access to the asylum procedure). The past years have shown that the existing forms of practical cooperation among Member States in order to align their interpretation of the principle of 'solidarity and fair sharing of responsibility' are not in any way sufficient to address the problems that a number of Member States are facing. It is essential to look at the heavy burden posed on the resources of a number of Member States from a wider perspective of general migratory pressures. Binding responsibility sharing instruments seem to be the only way forward. At the same time the Commission should make full use of its possibilities to start

up infringements procedures in cases where non-compliance with community law persists.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 9 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9b. Dan l-Artikolu ma jibqax japplika hekk kif l-istrumenti msemmija fil-paragrafu 9a jidħlu fis-seħħ, u f'kull każ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għal Emenda 23.

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 9 c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	9c. Bħala parti mill-monitoraġġ u l-evalwazzjoni msemmija fl-Artikolu 41, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2011. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk ikunx hemm ħtieġa ġustifikata biex l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu tiġi estiża sa wara l-31 ta' Diċembru 2011. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li jkun xieraq, għandha tippreżenta proposta għal estensjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'konformità mal-proċedura

stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għal Emenda 23.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 9 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk ***hija ssib*** li din l-informazzjoni kienet ipproċessata bi ksur ta' dan ir-Regolament jew tad-Direttiva 95/46/KE b'mod partikolari għax *tkun inkompluta* jew *mhux* preċiża, ***tkun intitolata*** li din l-informazjoni *tkun* korretta jew *imħassra*.	Jekk ***huwa/hija jsibu*** li din l-informazzjoni kienet ipproċessata bi ksur ta' dan ir-Regolament jew tad-Direttiva 95/46/KE b'mod partikolari għax *ma tkunx kompluta* jew preċiża, ***ikunu intitolati*** li din l-informazjoni *tiġi* korretta jew *titħassar*.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda bil-ħsieb li jkun hemm armonija fil-kliem fit-test kollu.

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-proċedura ta' konċiljazzjoni għandha tinbeda b'talba minn wieħed mill-Istati Membri fit-tilwima lill-President tal-Kumitat imwaqqaf mill-Artikolu 40. Meta jaqblu li jużaw il-proċedura ta' konċiljazzjoni, l-Istati Membri konċernati ***jintrabtu*** li jagħtu *l-għola* konsiderazzjoni lis-soluzzjoni proposta.	2. Il-proċedura ta' konċiljazzjoni għandha tinbeda b'talba minn wieħed mill-Istati Membri fit-tilwima lill-President tal-Kumitat imwaqqaf mill-Artikolu 40. Meta jaqblu li jużaw il-proċedura ta' konċiljazzjoni, l-Istati Membri konċernati ***jimpenjaw ruħhom*** li jagħtu *l-ogħla* konsiderazzjoni lis-soluzzjoni proposta.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aġġustament lingwistiku.

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa *l-iktar tard* tliet snin wara *id-data* msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 44 , il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, fejn xieraq, għandha tipproponi l-emendi meħtieġa. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha xierqa għall-preparazzjoni ta' dak ir-rapport, *sal-iktar tard* sitt xhur qabel jiskadi l-limitu ta' żmien.	Sa *mhux iktar tard minn* tliet snin wara *d-data* msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 44, ***u bla ħsara għall-Artikolu 31(9c),*** il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, fejn xieraq, għandha tipproponi l-emendi meħtieġa. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha xierqa għall-preparazzjoni ta' dak ir-rapport, *mhux aktar tard minn* sitt xhur qabel jiskadi l-limitu ta' żmien.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-proposti dwar l-Artikolu 31.

NOTA SPJEGATTIVA

1. Sfond

Ir-rapport tal-Kummissjoni[1] dwar l-evalwazzjoni tas-sistema ta' Dublin (l-hekk imsejħa evalwazzjoni teknika) ikkonkluda li *'b'mod ġenerali, il-parti l-kbira tal-għanijiet tas-sistema ta' Dublin intlaħqu kollha, parikolarment dawk għall-ħolqien ta' mekkaniżmu ċar u effikaċi biex tkun determinata r-responsabilità għall-applikazzjonijiet għall-ażil'*. Madanakollu għad hemm tħassib, kemm dwar l-applikazzjoni fil-prattika u kemm dwar l-effiċjenza tas-sistema. Barra minn hekk, ir-rispons għall-Green Paper[2] dwar il-futur tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil- is-CEAS - (l-hekk imsejħa evalwazzjoni tal-politika) identifika wkoll għadd ta' nuqqasijiet relatati l-aktar mal-effiċjenza tas-sistema kif ukoll mal-livell ta' protezzjoni li jista' jiġi offrut lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li huma soġġetti għas-sistema ta' Dublin.

Għaldaqstant, u bl-għan li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq proposta biex jitfassal mill-ġdid ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 *li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz* (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ: ir-Regolament ta' Dublin).

Il-proposta timxi mal-istess prinċipji bażi eżistenti fir-Regolament ta' Dublin, jiġifieri li r-responsabilità għall-konsiderazzjoni ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali hija primarjament tal-Istat Membru li kellu l-akbar rwol fid-dħul jew fir-residenza tal-applikant fit-territorji tal-Istati Membri, filwaqt li dan jista' jkun soġġett għal eċċezzjonijiet maħsuba biex jipproteġu l-għaqda tal-familja u klawżoli umanitarji speċifiċi.

Huwa importanti li nsemmu li l-Parlament Ewropew wera l-opinjoni tiegħu f'diversi okkażjonijiet u ressaq sensiela ta' rakkomandazzjonijiet fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' Settembru 2008 dwar l-evalwazzjoni tas-sistema ta' Dublin[3]. Il-biċċa l-kbira ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet ġew ikkunsidrati mill-Kummissjoni.

Il-fatt li r-Regolament attwali ta' Dublin, bħala parti mill-ewwel stadju tas-CEAS, kien ir-riżultat ta' kompromess politiku sensittiv, adottat b'votazzjoni unanima tal-Kunsill, ifisser li t-test finali jinkludi ħafna ambigwitajiet u lakuni leġiżlattivi. Għaldaqstant ir-rapporteur tagħkom taqbel mal-istqarrija tal-Kummissjoni li tgħid li għad hemm lok fejn jiġi estiż l-ambitu għat-titjib tal-istrumenti eżistenti.

2. Għanijiet u kontenut tal-proposta

Il-Kummissjoni tixtieq temenda s-sistema attwali ta' Dublin b'dan il-mod:

[1] COM(2007)0299, p. 13.
[2] COM(2007)0301.
[3] P6_TA-PROV(2008)0385.

1. Testendi l-ambitu tal-applikazzjoni tar-Regolament biex b'hekk ikun jinkludi applikanti għall-protezzjoni sussidjarja u l-benefiċjarji tagħha;
2. Ittejjeb l-effiċjenza tas-sistema attwali;
3. Tiżgura li l-bżonnijiet tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jkunu indirizzati b'mod komprensiv u li jiġu previsti s-salvagwardji legali adegwati skont il-proċedura ta' Dublin;
4. Tindirizza sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari fuq il-kapaċitajiet ta' riċezzjoni u fuq is-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri kif ukoll sitwazzjonijiet fejn il-livell ta' protezzjoni għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali ma jkunx adegwat.

2.1. Testendi l-ambitu tal-applikazzjoni tar-Regolament biex ikun jinkludi applikanti għall-protezzjoni sussidjarja u l-benefiċjarji tagħha

Is-sistema attwali ta' Dublin ma tapplikax għall-applikanti għall-protezzjoni sussidjarja jew għall-benefiċjarji tagħha, minħabba li meta din ġiet adottata, il-kunċett ta' protezzjoni sussidjarja kien għadu ma jagħmilx parti mill-acquis tal-ażil. Minkejja dan, dan il-kunċett ġie inkorporat fl-adozzjoni tad-Direttiva 2004/83/KE dwar il-Kwalifiki. Għalkemm is-sitwazzjoni attwali mhijiex se twassal għal diffikultajiet enormi fil-prattika f'qasir żmien, kif enfasizzat fil-valutazzjoni tal-impatt[1], jista' jkun li nispiċċaw f'sitwazzjoni fejn persuna li tfittex ażil ma tkunx tista' tingħaqad mill-ġdid ma' membru tal-familja tagħha li huwa benefiċjarju tal-protezzjoni sussidjarja fi Stat Membru ieħor. L-estensjoni tal-ambitu hija għaldaqstant bidla meħtieġa biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-acquis attwali tal-UE u biex b'hekk jiġi evitat li fil-prattika l-membri tal-familja jinfirdu. B'mod ġenerali, din il-proposta għandha l-għan li tallinja t-terminoloġija u d-definizzjonijiet użati fir-Regolament ma' dawk inklużi fl-istrumenti l-oħra tal-ażil. Bl-għan li jkun hemm aktar konsistenza u mod aħjar kif isiru l-liġijiet, ir-rapporteur tagħkom tappoġġa bis-sħiħ il-bidliet proposti mill-Kummissjoni.

2.2. It-titjib tal-effiċjenza tas-sistema attwali

Huma proposti diversi bidliet biex itejbu l-uniformità u l-effiċjenza tas-sistema ta' Dublin biex tkun żgurata aktar konformità min-naħa tal-Istati Membri. Ir-rapporteur tagħkom hija favur dawn l-emendi.

- Introduzzjoni ta' skadenzi biex ikun żgurat li l-proċedura li tiddetermina r-responsabilità tkun aktar effiċjenti u veloċi (pereżempju skadenzi għat-tressiq tat-talbiet għall-irtirar ta' applikazzjoni, skadenzi iqsar biex tingħata risposta għat-talbiet għall-informazzjoni, skadenzi għat-tressiq ta' talbiet għal raġunijiet umanitarji kif ukoll jiġi ċċarat li t-talbiet għal raġunijiet umanitarji jistgħu jsiru f'kull ħin);

- Kjarifikazzjoni tat-tmiem tar-responsabilità (pereżempju f'liema ċirkustanzi għandhom japplikaw klawsoli dwar it-tmiem, liema Stat Membru għandu l-oneru tal-prova);

[1] SEC(2008)2962.

- Kjarifikazzjoni taċ-ċirkustanzi u tal-proċeduri biex jiġu applikati l-klawżoli diskrezzjonali (umanitarji u ta' sovranità);

- Estensjoni tal-mekkaniżmu eżistenti ta' soluzzjoni tat-tilwim (biex ikopri kwistjonijiet ta' tilwim dwar l-applikazzjoni tar-Regolament kollu);

- Żieda ta' regoli dwar it-trasferimenti (pereżempju regoli dwar trasferimenti żbaljati kif ukoll dispożizzjoni ġdida dwar il-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti qabel ma jsiru t-trasferimenti);

- Introduzzjoni ta' dispożizzjoni dwar l-organizzazzjoni ta' intervista obbligatorja (biex tinġabar l-informazzjoni kollha meħtieġa bl-għan li jiġi identifikat l-Istat Membru responsabbli u biex l-applikant jiġi infurmat oralment dwar l-applikazzjoni tar-Regolament).

2.3. Tiżgura li l-bżonnijiet tal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali huma indirizzati b'mod komprensiv u li jiġu previsti s-salvagwardji legali adegwati skont il-proċedura ta' Dublin

Huma proposti diversi bidliet biex jissaħħu s-salvagwardji legali u proċedurali għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u biex dawn ikunu jistgħu jħarsu d-drittijiet tagħhom aħjar:

- Speċifikazzjoni dettaljata tal-kontenut, il-forma u ż-żmien biex tkun ipprovduta informazzjoni lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, inkluża l-adozzjoni ta' fuljett informattiv komuni;

- Id-dritt għall-appell kontra deċiżjoni ta' trasferiment, inkluż id-dritt għall-assistenza u/jew rappreżentanza legali flimkien mal-obbligu tal-awtoritajiet kompetenti biex jiddeċiedu jekk it-trasferiment għandux ikun sospiż, u d-dritt tal-persuna kkonċernata li tibqa' fit-territorju sakemm tittieħed id-deċiżjoni;

- Introduzzjoni ta' dispożizzjoni li tfakkar il-prinċipju li persuna m'għandhiex tinżamm f'detenzjoni għas-sempliċi raġuni li tkun qed titlob protezzjoni internazzjonali;

- Kjarifikazzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet biex ikun garantit ir-rispett tal-prinċipju ta' aċċess effettiv għall-proċedura tal-ażil;

- Estensjoni tad-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja biex jinkludi membri tal-familja li jibbenefikaw minn protezzjoni sussidjarja u li joqogħdu fi Stat Membru ieħor (*ara 2.1.*);

- Ir-riunifikazzjoni ta' qraba dipendenti ssir obbligatorja;

- Żieda fil-protezzjoni mogħtija lill-minorenni mhux akkumpanjati, fost l-oħrajn, billi tiġi permessa r-riunifikazzjoni mhux biss mal-familja nukleari iżda wkoll ma' qraba oħra li qegħdin fi Stat Membru ieħor;

- Introduzzjoni ta'dispożizzjoni dwar garanziji għall-minorenni;

- Estensjoni tad-definizzjoni ta' 'membri tal-familja' f'dak li għandu x'jaqsam mal-minorenni, biex tiġi żgurata protezzjoni aħjar tal-'aħjar interessi tal-wild';

- Esklużjoni, f'ċerti ċirkostanzi, tal-possibilità li jintbagħat lura applikant li għalih japplika kriterju dwar l-unità tal-familja;

- Biex ikunu ċċarati, il-klawżoli 'ta' sovranità' u dik 'umanitarja' tpoġġew flimkien taħt l-istess Kapitolu, imsejjaħ 'klawżoli diskrezzjonali';

- L-obbligu li jinkiseb il-kunsens tal-applikant għandu jinżamm biex jiġi evitat li l-'klawżola ta' sovranità' taħdem kontra l-applikant;

Ir-rapporteur tagħkom tappoġġa l-prinċipji msemmija hawn fuq, u għalhekk il-bidliet proposti. Barra minn hekk, ir-rapporteur tipproponi xi emendi żgħar.

2.4. Jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari fuq il-kapaċitajiet ta' riċezzjoni u s-sistemi tal-asil tal-Istati Membri kif ukoll sitwazzjonijiet fejn m'hemmx livell adegwat ta' protezzjoni għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali

Is-sistema attwali ta' Dublin ma tistabbilixxix mekkaniżmu li f'każijiet ta' pressjoni partikulari fuq Stat Membru b'kapaċitajiet ta' akkoljenza u assorbiment limitati, jippermetti s-sospensjoni tat-trasferimenti ta' Dublin jekk dawn iżidu mal-piż fuq dak l-Istat Membru. L-istess japplika għall-każijiet fejn hemm tħassib li t-trasferimenti ta' Dublin jistgħu jwasslu li applikanti ma jibbenefikawx minn standards ta' protezzjoni adegwati fl-Istat Membru responsabbli, partikolarment f'termini ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza u l-aċċess għall-proċedura ta' asil.

Ir-rapporteur tagħkom fil-fatt tixtieq li dawn id-dispożizzjonijiet proposti jiġu kkunsidrati bħala superfluwi. Minkejja dan, ir-realtà hija waħda differenti. Fil-fatt, (pereżempju) hija għandha tħassib serju dwar id-differenzi fid-deċiżjonijiet biex jiġu rikonoxxuti jew biex jiġu rrifjutati talbiet ta' asil tal-applikanti mill-istess pajjiżi ta' oriġini. Kif osservat il-Kummissjoni fil-Pjan ta' Politika dwar l-Asil[1]: Anke wara li tkun saret armonizzazzjoni leġiżlattiva fil-livell tal-UE, nuqqas ta' prattiki komuni, tradizzjonijiet differenti u sorsi ta' informazzjoni mid-diversi pajjiżi ta' oriġini , fost raġunijiet oħra, qed jipproduċu riżultati diverġenti. Dan mhux biss qed joħloq movimenti sekondarji, iżda qed imur kontra l-prinċipju li jiġi pprovdut aċċess ugwali għall-protezzjoni fl-UE. Mingħajr l-ebda dubju, d-diskrepanzi kbar fid-deċiżjonijiet dwar l-asil (anke f'każijiet simili) se jibqgħu jeżistu ladarba l-Istati Membri ma jeħdux azzjoni.

L-għan aħħari segwit fil-livell tal-UE huwa li jiġu stabbiliti l-istess kundizzjonijiet għal

[1] COM(2008)0360. p. 4.

kulħadd u sistema, li tiggarantixxi li persuni li jeħtieġu ġenwinament protezzjoni jkollhom aċċess għal livell għoli ta' protezzjoni skont kundizzjonijiet ekwi fl-Istati Membri kollha, filwaqt li, fl-istess ħin, dawk li jinstab li ma jeħtiġux protezzjoni jiġu trattati b'mod ġust u effiċjenti. Kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar koperazzjoni prattika msaħħa[1]: L-involviment tal-Komunità f'dan il-qasam huwa msejjes fuq il-ħtieġa li jkun hemm solidarjetà bejn l-Istati Membri meta jkunu qed jindirizzaw sfida li, f'UE mingħajr fruntieri interni, ma tistax tintlaqa' b'mod effikaċi mill-pajjiżi individwali. Ir-rapporteur tqis li 'is-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responabilità' huma realment il-qalba tal-politiki komuni tal-UE. Sħubija u koperazzjoni bl-għan li jkun hemm ġestjoni tan-numru ta' nies li japplikaw għall-ażil jew protezzjoni sussidjarja/temporanja huma għalqdastant kruċjali.

Għalkemm ir-rapporteur tagħkom tappoġġa d-dispożizzjonijiet dwar is-'sospensjoni temporanja ta' trasferimenti' (Artikolu 31) bħala prinċipju għandu jkun ċar li s-sistema ta' Dublin ma kienet qatt ippjanata biex tkun strument ta' tqassim tal-piż. Minbarra dan, hi tixtieq tenfasizza l-*fatt* **li s-sistema ta' Dublin fiha nnifisha, kif spjegata fil-Valutazzjoni tal-Impatt[2], mhijiex frott ta' pressjoni partikolari tal-ażil jew ta' piż żejjed fuq l-Istati Membri. Għalhekk, hi tibża' li dawn id-dispożizzjonijiet se jispiċċaw ikunu dikjarazzjoni politika minflok strument effikaċi li jtejjeb l-istandards u/jew li jappoġġa verament Stat Membru li jkun qiegħed jiffaċċa sitwazzjoni partikolarment urġenti li tpoġġi piż verament tqil fuq il-kapaċitajiet ta' riċezzjoni, is-sistema ta'ażil jew l-infrastruttura tiegħu.**

Fil-Pjan ta' Politika dwar l-Ażil tagħha l-Kummissjoni sostniet li 'l-aħjar mod kif jiġi żgurat livell għoli ta' solidarjetà mhuwiex bl-adottar ta' strument ġenerali ġdid iżda bit-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri ta' sensiela ta' mekkaniżmi, li jgħinhom jiffaċċaw id-diversi sfidi li għandhom quddiemhom[3]. Ir-rapporteur tagħkom taqbel, iżda sa ċertu punt biss. Hija tal-fehma li dawn l-aħħar snin urew li l-forom eżistenti ta' koperazzjoni prattika fost l-Istati Membri (biex jallinjaw l-interpretazzjoni tagħhom tal-prinċipju tas-'solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabilità') ma huma bl-ebda mod biżżejjed biex itejbu l-istandards u/jew jindirizzaw il-problemi li numru ta' Stati Membri qed iħabbtu wiċċhom magħhom minħabba, pereżempju, il-pożizzjoni ġeografika u/jew sitwazzjoni demografika tagħhom.

Titjib tal-istandards u/jew tas-solidarjetà tal-Istati Membri, għandu għalhekk (b'xi mod) jiġi infurzat bl-introduzzjoni ta' strumenti vinkolanti għall-Istati Membri kollha:

1. It-twaqqif ta' gruppi ta' esperti nazzjonali tal-ażil li jgħinu lill-Istati Membri li jesperjenzaw għadd kbir ta' persuni jfittxu l-ażil (pereżempju billi jiggarantixxu kundizzjonijiet adegwati ta' akkoljenza, ipproċessar tal-applikazzjonijiet fl-iskadenzi u fi ħdan il-proċeduri previsti);

2. It-twaqqif ta' skema ta' riallokazzjoni biex tippermetti li benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jintlaqgħu minn Stat Membru li ma jkunx il-pajjiż li jkun tahom il-benefiċċju ta' dik il-protezzjoni.

[1] COM(2006)0067, p. 2.
[2] SEC(2008)2962.
[3] COM(2008)0360, p. 8.

Barra minn dan, il-Kummissjoni hija mitluba tuża l-possibilitajiet tagħha kollha biex tibda proċeduri ta' ksur jekk jibqa' jkun hemm nuqqas ta' konformità mal-liġi Komunitarja (b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura tal-ażil u għal kundizzjonijiet adegwati ta' akkoljenza).

Jidher ċar li r-rapporteur tagħkom hija tal-fehma li s-solidarjetà ma tistax tiġi limitata għall-għoti tar-riżorsi finanzjarji biss. Minkejja dan, hi tilqa' (ovvjament!) b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tniedi studju matul l-2009 biex tevalwa metodi possibbli ta' kif jista' jiġi mtejjeb l-impatt tas-solidarjetà finanzjarja tal-UE (inkluż il-Fond Ewropew għar-Refuġjati) u biex tevalwa jekk l-istrumenti finanzjarji eżistenti jipprovdux appoġġ effikaċi għall-isfidi li l-Istati Membri jiffaċċaw meta jindirizzaw pressjonijiet qawwija u irregolari ta' migrazzjoni

3. Ftit kummenti

Minn perspettiva politika jidher biċ-ċar li l-Istati Membri jsibuha diffiċli li jarmonizzaw b'mod effikaċi l-istandards ta' kwalità kif ukoll li jaqsmu bejniethom ir-responsibilità. L-istandards maqbula s'issa jikkuntrastaw bil-kbir mal-ambizzjonijiet għolja espressi għall-ewwel darba fl-1999. Fil-fatt, l-ogħla denominatur komuni huwa l-minimu assolut. Minħabba f'dan, fil-prattika għadhom jeżistu differenzi u diverġenzi kbar. Id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil, pereżempju, hija fil-verità deskrizzjoni enumerattiva ta' kull politika eżistenti tal-ażil fl-Istati Membri tal-UE. Għalhekk, hija tippovdi għadd ta' standards ta' proċedura minflok proċedura waħda standard. F'dan ir-rigward, jidher biċ-ċar li l-armonizzazzjoni mixtieqa ma rnexxietx. Aktar minn hekk, jekk għandhom jiġu evitati movimenti sekondarju, l-armonizzazzjoni effikaċi tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza hija ta' importanza fundamentali. Għaldaqstant, minkejja d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza, hawnhekk ukoll il-marġini wiesgħa jirriżultaw f'ċaħda tal-effett ta' armonizzazzjoni mixtieq. Sfortunatament, l-istess japplika għall-kriterji ta' eliġibilità għall-għoti ta' stejtus ta' protezzjoni.

Huwa għalhekk essenzjali li jiġu mtejba l-kundizzjonijiet li taħthom il-persuni li qed ifittxu protezzjoni fl-UE jkunu jistgħu jippreżentaw u jsegwu t-talbiet tagħhom b'mod effikaċi, biex tingħata spinta lill-kapaċità tal-partijiet kollha interessati involuta biex li jtejba l-kwalità ġenerali u jipprovdi lill-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-ażil b'għoddi adegwata li li tippermittilhom ġestjoni effikaċi tal-flussi tal-ażil u fl-istess ħin jevitaw il-frodi u l-abbużi. Il-fatt li t-titjib tal-kwalità, flimkien ma' aktar konsistenza u solidarjetà, mhuwiex biss fl-interess ta' persuni li jfittxu l-ażil iżda huwa wkoll fl-interess tal-Istati Membri stess jidher li (għadu?) ma nftehimx. Madankollu, kwalità aħjar ta' teħid tad-deċiżjonijiet tnaqqas l-għadd ta' kontestazzjonijiet ta' deċiżjonijiet ħżiena li jġibu magħhom spejjeż kbar u tiffranka l-ħin Aktar minn hekk, jeħtieġ li jkun hemm koerenza akbar fil-prattiki tal-Istati Membri biex jindirizzaw b'mod effikaċi l-movimenti sekondarju fl-UE.

Minkejja l-wegħdiet u l-ftehimiet kollha, bosta Stati Membri għandhom diffikultajiet enormi biex iżommu l-wegħdiet tagħhom. Anke fit-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tal-erba' strumenti legali ewlenin attwali ma mxewx mingħajr problemi f'termini ta' skeda ta' żmien u preċiżjoni, u l-interpretazzjonijiet tal-istrumenti legali jvarjaw ħafna bejn Stat Membru u ieħor. Mhux talli ma ġietx adottata perspettiva Ewropea, talli s-sensittivitajiet politiċi fl-ambitu tal-ażil u l-migrazzjoni huma tali li l-Istati Membri jibqgħu mwaħħlin mal-politiki nazzjonali ta' deterrenza u devjazzjoni.

Standard ta’ protezzjoni aħjar u aktar armonizzat permezz ta’ aktar allinjament, kif ukoll infurzar tal-liġijiet tal-Istati Membri huwa l-aħjar (fil-fatt l-unika) triq ’il quddiem. Biex jinkiseb dan l-għan il-Kummissjoni mhux biss ipproponiet it-tfassil mill-ġdid tar-Regolament ta’ Dublin, iżda wkoll it-tfassil mill-ġdid tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta’ Akkoljenza kif ukoll tar-Regolament EURODAC. Il-proposti tal-Kummissjoni li jemendaw id-Direttiva dwar il-Kwalifiki (2004/83/KE) u Direttiva dwar il-Proċedura tal-Ażil (2005/85/KE) se jkunu sottomessi fl-2009. Flimkien ma’ dan, il-Kummissjoni se tipproponi t-twaqqif ta’ Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew dwar l-Ażil (li jipprovdi għajnuna prattika lill-Istati Membri fit-teħid tad-deċiżjonijiet marbuta mat-talbiet għall-ażil).

Bħala kumment aħħari, r-rapporteur tagħkom tixtieq tesprimi xi tħassib dwar l-ordni li fiha se jiġu sottomessi l-proposti tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq lill-Parlament u lill-Kunsill. Fl-ambitu ta’ leġiżlar aħjar, kien ikun aktar loġiku jekk ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Proċedura tal-Ażil (2008/85/KE) tingħaqad mal-‘pakket tal-ażil’ attwali (Dublin, l-EURODAC, il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza u l-Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew dwar l-Ażil). Dan kien jippermetti aktar koerenza bejn l-istrumenti differenti tal-ażil.